11 ta' Novembru 2013
120/2013

## 182 PERSUNA JIGGRADWAW MILL-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI

**Data: It-Tlieta, 12 ta' Novembru 2013**

Post: Seminarju tal-Arċisqof, Tal-Virtù, Rabat

Ħin: 7.00 p.m. Quddiesa, 7:45 p.m. Gradwazzjoni

Għada, it-Tlieta, l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali tal-Knisja f'Malta se jorganizza ċ-ċerimonja annwali ta' gradwazzjoni. Matul din l-okkażjoni ser jiggradwaw 182 persuna li matul l-aħħar sena akkademika temmew b'suċċess 11-il kors differenti.

L-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. se jippresiedi din iċ-ċerimonja li ser issir fis-Seminarju, tal-Virtù, u li tibda fis-7.00p.m. b'ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Fi tmiem il-Quddiesa, għall-ħabta tat-7:45 p.m., jsir diskors tal-okkażjoni u jitqassmu ċ-ċertifikati lill-gradwati.